MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 26/2005

**A A**
**vs**
**V G s’ issa maghrufa**
**bhala V A**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur, wara li ppremetta li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-22 ta’ Mejju 1998 huwa null fit-termini ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; talab li din il-Qorti tiddikjara dan iz-zwieg null fil-ligi;  bl-ispejjez;

Rat in-nota prezentata mill-attur li biha ddikjara li l-caput nullitatis li fuqu qed jibbaza t-talba tieghu huwa dak kontemplat fil-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta eccepiet li hi taqbel li z-zwieg huwa null, izda mhux bi htija taghha;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-22 ta' Mejju 1998 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjoni tal-ligi fuq citata.

**Il-Fatti**

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-22 ta' Mejju 1998 meta allura l-attur kellu 26 sena u l-konvenuta kellha 28 sena, u meta kienu ilhom jafu lil xulxin circa sena u nofs. Wara zewg korrimenti da parti tal-konvenuta, l-partijiet kellhom zewgt-it tfal, Hannah u Jake, li twieldu rispettivament fil-28 ta' April 2000 u 30 ta' Jannar 2003 . Wara konvivenza matrimonjali ta' circa sitt [6] snin il-partijiet isseparaw de facto. Ilum l-attur qieghed f' relazzjoni stabbli ma mara ohra li minnha ghandu tifel.

*Verzjoni Attur*

L-attur jghid li meta l-partijiet iddecidew li jizzewwgu, din kienet "hasty decision" da parti tieghu, u kien hemm pressjoni da parti ta' omm-il konvenuta, kif ukoll ta' hbieb taghhom sabiex huma jiehdu dan il-pass. Jghid li hu ma kienx fehem "the implications of the vows nor their intentions, and as such they meant nothing to me".[1] Jghid li kienu zzewwgu "due to immaturity and clouded vision."[2], u li hu fil-fatt kien izzewweg "to please others"[3]

[1] Fol.23
[2] Ibid.
[3] Fol.84

Jispjega li wara z-zwieg l-konvenuta kellha zewg korrimenti, u kienet rabbiet ossessjoni sabiex ikollha t-tfal, b' mod li anke l-att taz-zwieg kien isir b' mod mekkaniku u ta' spiss ghal dan il-ghan biss. Wara li twieldet it-tifla, il-konvenuta kienet waqfet tahdem, kif mifthiem bejn il-partijiet, sabiex tiehu hsieb it-tifla u d-dar; izda fil-fatt hi kienet iffokat l-attenzjoni kollha taghha fuq it-tifla, u kienet titraskura l-facendi [chores] tad-dar li kienu allura jaqghu fuq l-attur meta kien jigi mid-dar wara gurnata xoghol.

L-attur jilmenta li wara t-twelid tat-tifla l-attivita' sesswali bejniethom naqset minhabba riluttanza da parti tal-konvenuta li kienet tinsisti li traqqad it-tifla fis-sodda matrimonjali, bir-rizultat li l-attur kien jispicca jorqod fuq is-sufan. Dan kompla xaqqaq il-hajja konjugali bejn il-partijiet.

Inoltre, huma kienu jillitigaw ta' spiss ukoll minhabba ndhil indebitu minn omm-il konvenuta.

Minn naha tieghu l-attur, li allura kien l-uniku mezz ta' introjtu finanzjarju ghall-partijiet, kien jipprova jahdem hafna, izda sfortunatament sofra diversi setbacks fl-intraprizi tieghu, bir-rizultat li l-konvenuta kienet tghajjru "loser" anke quddiem it-tifla. Izda minkejja dan, il-partijiet, erba' snin fil-konvivenza, xtraw dar bl-ghajnuna ta' membri tal-familja ta' l-attur; izda xorta wahda l-affarijiet bejniethom komplew jaggravaw, anke minhabba li l-konvenuta kienet imfissda, u kienet trid li l-affarijiet jghaddu kif tridhom hi, u kienet tonfoq biex tissodisfa l-kappricci taghha.

Illi minkejja li s-sitwazzjoni matrimonjali bejn il-partijiet ma kienitx wadha felici, il-partijiet kellhom it-tieni wild taghhom, u l-attur jghid li l-iskop kien kemm sabiex it-tifla ma tkunx waheda, kif ukoll b' tentattiv li jirrangaw is-sitwazzjoni; izda nutilment u eventwalment il-partijiet isseparaw de facto.

Sussegwentement l-attur dahal f' relazzjoni stabbli ma' mara ohra, u llum ghandu tifel minnha.

*Verzjoni Konvenuta*
Il-konvenuta tispjega li qabel iz-zwieg l-attur kien "a loving and attentive partner, almost to the point where he was too much…. It was almost stifling, but the attention he lavished on me was very flattering … In August of the same year he asked me to marry him. I accepted, since we were in love and it was what we both wanted."[4]

Tghid li pero' sa minn dak iz-zmien kien jidher li l-attur kien persuna li jonfoq hafna. Dan il-lifestyle dispendjuz tieghu, meta huma kellhom impenji finanzjarji ohra, kompla matul iz-zwieg, u hi kienet tipprova trazznu f' dan ir-rigward.

Il-konvenuta tispjega li hi kellha zewg korrimenti, wiehed f' Awissu 1998 u iehor fi Frar 1999; izda xorta wahda ma kienux qatghu qalbhom li jkollhom it-tfal. Tghid li "We continued being a loving couple, I would do most of the cooking after work, and Al would help me clear up afterwards."[5]

Izda hija tilmenta mill-fatt li s-sitwazzjoni finanzjara taghhom ma kienitx wahda felici, u li l-attur kien spiss ibiddel ix-xoghol tieghu. Di fatti hi tghid li matul il-konvivenza matrimonjali ta' sitt [6] snin, huwa biddel seba' xogholijiet. Tilmenta wkoll mill-fatt li l-attur kien jifflirtja ma' nisa ohra fl-okkazzjonijiet socjali. Tghid li f' dawn l-okkazzjonijiet huwa kien jixrob "and he would always be loud, boisterous and flirt with every attractive woman who happened to be in his vicinity."[6]

Tghid li, wara z-zewg korrimenti li kellha, "our sexual activity continued as before, quite regularly and especially in the five days of ovvulation since at this time it was highly possible for me to become pregnant. This was something we both wanted."[7] Meta kienet fi istadju avvanzat tat-tqala, kienet waqfet tahdem, u "our home life was happy, and I settled in being a home mum which was

[4] Fol.96
[5] Fol.98
[6] Fol.98
[7] Fol.99

something we both wanted."[8] Fit-28 ta' April 2000 twieldet it-tifla Hannah.

Tghid li fil-harifa tas-sena 2002 hija nqabdet tqila bit-tieni tarbija li ghalkemm ma kienitx pajnata kienet dak li xtaqu z-zewg partijiet. F' dan il-perijodu, tghid il-konvenuta, bdiet id-deterjorazzjoni fir-relazzjoni taghhom. Fi kliemha, fuq mistoqsija jekk hi hassitx li l-attur kien qed jikkontribwixxi ghaz-zwieg bhala partner, emozzjonalment u fir-responsabbilitajiet gjornalieri taz-zwieg, il-konvenut tghid "At the beginning yes. I feel that the deterioration really started after I got pregnant with our second child."[9]

Illi erba' xhur wara t-twelid ta' Jacob fit-30 ta' Jannar 2003 il-konvenut skopriet li l-attur kien dahal f' relazzjoni extra-matrimonjali. Din ir-relazzjoni kompliet u wasslet ghat-tifrik tal-konvivenza matrimonjali, u f' April 2004 l-partijiet isspearaw.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-Qorti semghet il-partijiet jiddeponu, u wara li ezaminat il-provi akkwiziti, hija propensa li taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti kif moghija mill-konvenuta. B' mod partikolari tosserva li ma tikkunsidrax bhala veritiera l-allegazzjoni ta' l-attur, allura ragel ta' 26 sena, avvjat fid-dinja tax-xoghol, u li ghandu certu livell ta' edukazzjoni, li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu huwa ma kienx fehem l-implikazzjoni tal-kunsens matrimonjali u li dan il-kunsens ghalih ma kien ifisser xejn.

Dan hu biss tentattiv fjakk sabiex l-attur jipprova jivvizzja issa, kunsens li kien validu meta nghata.

Illi mill-provi ma rrizultax li fil-mument taz-zwieg il-partijiet, jew xi hadd minnhom, kienu affetti minn inkapacita' psikika li jifhmu l-import tal-hajja konjugali, jew li l-ghazla taghhom ma kienitx wahda volontarja, jew inkelli li kienet tezisti fihom, jew f' wahda minnhom, anomalija psikologika

[8] Fol.99
[9] Fol.94

li kienet poggiet lill-parti fl-impossibilita’ li tezegwixxi l-obbligazzjonijiet tal-hajja matrimonjali

Il-provi juru li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-partijiet riedu jizzewwgu ghax kienu jhobbu lil xulxin; u inoltre kellhom dixxerniment tal-hajja konjugali. Di fatti huma ghexu flimkien ghal sitt snin li, matulhom, nonostante d-dizappunt li kellhom ta’ zewg korrimenti, huma ghexu l-hajja konjugali flimkien, u sentejn wara, huma kellhom l-ewwel tarbija. Sussegwentement xtraw dar sabiex isservi bhala d-dar konjugali, u tlett snin wara t-twelid ta’ l-ewwel tarbija kellhom tarbija ohra.

Kif tispjega li konvenuta, kien meta kienet tqila bit-tieni tarbija, jigifieri wara erba’ snin circa tal-konvivenza, li beda jfegg l-inkwiet matrimonjali serju, u erba’ xhur wara t-twelid tat-tifel skopriet li l-attur kellu relazzjoni extra matrimonjali. Din ir-relazzjoni adulterjuza, ghalkemm, tikkostitwixxi bazi legali u fattwali soda ghal separazzjoni bejn il-partijiet, mhijiex, fic-cirkostanzi tal-kaz, sufficjenti sabiex tirrendi null z-zwieg in dizamina.

In fine jigi osservat li l-fatt li l-attur kien biddel xogholu diversi drabi matul il-konvivenza matrimonjali, apparti mill-ispjegazzjonijiet moghtija minnu ghal dan it-tibdil, ma jwassalx ghall-konkluzjoni li dan kien inkapaci li jassumi l-obbligi essenzjali ghaz-zwieg. Di fatti kif fuq gja ndikat, huwa ghex ma’ martu f’ armonija taz-zwieg ghal xi snin, u kien lejn l-ahhar tal-konvivenza li l-konvenut naqas mill-obbligu tal-fedelta’ fiz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici mhijiex sostnuta mill-provi, anzi hija mdghajjfa serjament mill-istess, u ghalhekk timmerita li tigi michuda.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici; bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------